

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/948

tad-29 ta' Mejju 2019

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1791 (EUTM Mali/1/2019)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2013/34/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM Mali, inklużi deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandanti sussegwenti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għal EUTM Mali.
- (2) Fis-6 ta' Novembru 2018, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1791 <sup>(2)</sup>, li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Peter MIROW bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali.
- (3) Fl-24 ta' April 2019, l-Awstrija pproponiet il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Christian HABERSATTER biex jieħu post il-Brigadier General Peter MIROW bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE EUTM Mali mit-12 ta' Ġunju 2019.
- (4) Fl-24 ta' April 2019, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Christian HABERSATTER.
- (6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1791 titħassar.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Christian HABERSATTER huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) mit-12 ta' Ġunju 2019.

### Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1791 hija b'dan imħassra.

<sup>(1)</sup> ĠUL 14, 18.1.2013, p. 19.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/1791 tas-6 ta' Novembru 2018 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) (EUTM Mali/2/2018) (ĠUL 293, 20.11.2018, p. 34).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2019.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

S. FROM-EMMESBERGER

---